**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 22 t'April 2016**

**Pulizija**

**Spettur Chantelle Casha**

**Vs**

**Victor Mc Keon**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Victor Mc Keon ta' 58 sena, bin Richard Mc Keon u Mary xebba Gauci, mwieled nhar is-7 ta' Settembru 1957 u residenti Blk 9, Bieb 11, Flat 2, Misrah Dorell, Santa Lucija u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 614457M;

Talli nhar il-21 t'April 2016 fir-residenza Blk 9, Bieb 11, Flat 2, Misrah Dorell, Santa Lucija:

1) Gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn;

2) U aktar talli fl-istess hin u cirkustanzi qatel annimal ta' razza domestikata jew li tappartjeni ghal razza selvagga izda li tkun giet domestikata.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni f'dawn il-proceduri, fit-22 t'April 2016, li giet ikkonfermata minnu wara li nghata z-zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 8(2), 13(1) u 45 tal-Kap 439 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet lill-partijiet jittrattaw fuq il-piena li setghet tinghata lill-imputat;

Fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputat hati w tikkundannah a tenur tal-artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta sena prigunerija sospizi ghal tlett snin, taht ordni ta' Supervizjoni

Tordna l-hrug ta' ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin taht it-tabib Psikjatra Dr. Joseph Spiteri, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**